TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

## Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

CCT/40/20/S

Mark Grech u Yanika Grech

vs

Michael Balzan ezercenti l-kummerc bhala MBL Garage Doors

Illum 17 ta' Gunju,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Mark u Yanika konjugi Grech ipprezentata fid-9 ta'Marzu,2020 filwaqt li Michael Balzan, ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ordni ta' bieb ta' garaxx li ta diversi problemi meta twahhal u grada li ghalkemm ordnata, baqghet ma saritx mill-intimat;

Illi jinghad mal-ewwel li l-intimat naqas milli jwiegeb ghat-talba ta' Mark u Yanika konjugi Grech u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik tal-konjugi Grech li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjegaw u pprezentaw dettalji u lp-komunikazzjonijiet li saru mar-rapprezentanti tal-intimat;

Illi min-naha l-ohra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tieghu;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz u kif spjegat mir-rikorrenti, l-ammont ta' €800 li kien id-depozitu tal-grada hu gustifikat u ghandu jithallas lura lir-rikorrenti;

Illi fuq il-hsara u d-danni morali, il-prova dwarehom ma kinitx sodisfacenti biex dan it-Tribunal jilqa' tali talba;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' in parte t-talba ta' Mark u Yanika konjugi Grech u Jordna lill-intimat Michael Balzan ihallas lil Mark u Yanika konjugi Grech is-somma ta' €800. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimat Michael Balzan.

Richard Sladden Av.
Arbitru